# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 2 ta' Mejju 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 578/01/SM**

**Roosendaal Trading Limited**

**vs**

**Martin Cilia**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sbatax-il Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (LM617.87,0), ammont rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' ikel u xorb lilu mibjugha u kkonsenjati in konnessjoni man-negozju minnu operat gewwa Larman Confectionery, Triq Salvu Psaila, B'Kara, liema hlas baqa' ma sarx, minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu mghamula;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru, 2000, u interessi kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' April tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**